# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors maħluf numru 65/2010/2 JD**

**Vincent Galea li jidher għan-nom ta' martu Nathalina, John Saliba, Maria mart Tony Sultana u Rita mart John Link, Carmelo Saliba, Emmanuel Saliba;**

**Maria Assunta armla ta' Salvu Tabone;**

**Peter Paul Xuereb u martu Maria Theresa Xuereb;**

**Alfred Zerafa, Loreto Zerafa li jidher kemm f'ismu proprju kif ukoll għan-nom tal-assenti ħutu, Maria Marro, Emily Abela, Joseph Zerafa, Rita Vella, Salvina Micallef;**

**George Fenech li jidher kemm f'ismu proprju kif ukoll għan-nom tal-assenti ħutu, Joseph, Alfred, Emmanuel u Lewis ilkoll aħwa Fenech, Doris mart Lawrence Axiaq, Maria armla ta' Pawlu Grech, Vincent Fenech, Saviour Fenech u Raymond Fenech;**

**Carmelo Micallef, Doris Micallef, George Micallef, Gracie Sultana;**

**Anton Debono li jidher għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Joseph, Louis u**

**Mario lkoll aħwa Micallef u Maria mart Anton Debono**

***v.***

**Theresa mart Raymond Attard;**

**Loreta mart Emmanuel Zerafa;**

**u Rose mart Peter Paul Demanuele**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-4 ta' Diċembru 2015, li biha ddikjarat illi l-linja mmarkata bl-ittri 'CD' fuq il-pjanta tal-perit tekniku Vincent Ciliberti a *fol.* 341 tal-proċess għandha tiġi spostata b'tali mod li kull *plot* fis-sezzjoni mmarkata 'ABCD' fuq l-imsemmija pjanta jkollha kejl ta' 93.68 m.k. minflok 64.85 m.k. u l-parti l-oħra – is-sezzjoni mmarkata 'GCDH' [1] - kif modifikata, għandha tibqa' in komuni bejn il-partijiet u partijiet oħrajn mhux parti f'dawn il-proċeduri.

2. Din il-kawża hija dwar strixxa art f'Għajnsielem, Għawdex li tinsab bejn il-proprjetà tal-konvenuti u dik tal-atturi u li l-istess konvenuti u atturi m'humiex qegħdin jaqblu ta' min hi.

3. Il-konvenuti jippretendu li hija tagħhom għaliex ipperveniet lilhom mill-wirt tax-xebbiet Anna u Antonia Xuereb, b'mod partikolari, mill-legat li Carmelo Xuereb – missier l-aħwa Xuereb – kien ħalla lil Anna u Antonia aħwa Xuereb permezz tat-testment tiegħu tas-27 ta' Lulju

[1] Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti ddikjarat li s-sezzjoni mmarkata 'GCDE' (kif modifikata) fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku Vincent Ciliberti *a fol*. 341 tal-proċess għandha tibqa' inkomuni bejn il-partijiet u partijiet oħra mhux parti f'dawn il-proċeduri. Peress li l-istrixxa art mertu tal-proċeduri odjerni – li l-partijiet m'humiex qed jaqblu ta' min hi – hija mmarkata 'GCDH' fuq il-pjanta tal-perit tekniku l-ewwel qorti x'aktarx li riedet tirreferi għas-sezzjoni 'GCDH' u mhux għas-sezzjoni 'GCDE.'

1945 in atti Nutar Francesco Refalo.[2] F'dan it-testment l-imsemmi Carmelo Xuereb kien ħalla b'legat lil Anna u Antonia (xebbiet) Xuereb, għas-serviġi reżi minnhom, "*the dwelling house with mandretta adjacent to, measuring about one tumolo and a half, situate Strada Via Migiarro of Casal Għajnsielem, Gozo, marked number twenty-four, bounded on the north by property of Paolo Xuereb, on the east by property of Carmelo Attard, on the south by property of Alfredo Grech, and the one tumolo and half mandretta is bounded on the south by property of Paolo Xuereb, on the east by property of Lorenzo Debono, on the west by property of Antonio Camilleri, on the north by property of the heirs of Luigi Bondi ...*".

4. L-atturi, min-naħa tagħhom, jippretendu li din l-istrixxa art hija tagħhom għaliex ipperveniet lilhom mill-kuntratt ta' diviżjoni ppubblikat min-Nutar Francesco Refalo fl-4 ta' Novembru 1949. Fl-imsemmi kuntratt ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949[3] l-aħwa Xuereb[4] kienu ftehmu, fost affarijiet oħra, illi "*<u>one half</u> of the mandretta called 'ta' ma Ġenb id-dar' segregated from the eastern part, situate Via Migiarr, of Għajnsielem Gozo, at about four and one half mondelli, bounded on the east by property of Giuseppe Buttigieg, on the south by property of Giovanni Zerafa, on the north by property of Giuseppe Spiteri, on the west by property of Antonia and Anna sisters Xuereb*" għandha tiġi assenjata lill-aħwa Xuereb

---

[2] Ara *foll*. 46 sa 48 tal-proċess.
[3] Ara *foll.* 80 sa 87 tal-proċess.
[4] Fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo il-partijiet – l-aħwa Xuereb – qasmu l-wirt tal-ġenituri tagħhom Carmelo u Maria Xuereb. Maria Xuereb mietet fit-2 ta' Marzu 1942 intestata u Carmelo Xuereb miet fl-24 ta' Marzu 1947, testat.

kollha ħlief Antonia Xuereb. Fl-istess kuntratt ta' diviżjoni l-partijiet kienu ftiehmu wkoll illi s-sebat aħwa[5] għandhom jiġu assenjati 1/8 tal-imsemmija art.

5. Peress li ma qablux dwar il-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tagħhom, l-atturi fetħu l-proċeduri odjerni fejn talbu lill-qorti sabiex:

»1. ...

»2. Tordna okkorrendo permezz ta' periti nominanti s-segregazzjoni u l-istabbiliment tal-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti u ċioè' dawk il-porzjonijiet rispettivi tal-atturi minn xulxin u dik tal-konvenuti minn dik tal-atturi u dana permezz ta' marki u sinjali permanenti skond il-liġi.

»...«

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»… … …

»(3) Illi fil-mertu ukoll jekk it-tieni talba hija l-azzjoni għad-delimitazzjoni tal-konfini, dina saret inutilment għaliex delimitazzjoni tal-konfini dejjem kien hemm. Fil-fatt bejn il-porzjoni A u l-porzjoni C hemm il-ħajt diviżorju tas-sejjieħ antik u bejn il-porzjoni B u l-kumplament tal-porzjoni bl-ittra C, li huwa raba' oġġett tal-kuntratt tal-4 ta' Novembru 1949 (atti Nutar Francesco Refalo) dejjem kien hemm qsami, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smigħ tal-kawża;

»(4) Illi l-intimati huma proprjetarji kemm tal-porzjoni A (A1 u A2 inklużi) kif ukoll tal-porzjoni B murija wkoll fuq il-pjanta Dokument Z u dawn iż-żewġ porzjonijiet ġew akkwistati bil-mod li ġej:

»(i) Bil-kuntratt ta' dota datat 27 ta' Jannar 1888 (atti Nutar Onorato Giovanni Refalo). Fl-istess kuntratt hemm imniżżel li l-lok tad-djar li qiegħed fl-isqaq markat numru 23, Strada Mgiarro flimkien mal-mandretta in kwistjoni ingħatat b'dota minn Giuseppe Zerafa lil bintu Maria u l-futur żewġha Carmelo Xuereb – Dok Z1;

»(ii) il-konjugi Carmelo u Maria Xuereb kellhom tmint itfal – Paola, Anna xebba, Maria Antonia sive Antonia xebba, Loreta Micallef, Giuseppa Abela, Vangela Sabliba, Rosa Galea u Assunta Tabone;

»(iii) Maria Xuereb mietet intestata fit-2 ta' Marzu 1942 però żewġha, Carmelo Xuereb, għamel testament fis-27 ta' Lulju 1945 (atti Nutar Francesco Refalo – Dokument Z2) fejn ħalla b'legat lil uliedu Anna u Antonia Xuereb, xebbiet, id-dar tal-abitazjzoni hawn fuq deskritta bil-

[5] Is-sebat aħwa Xuereb kienu dawn: Paolo Xuereb, Anna Xuereb, Loreta Micallef, Giuseppa Abela, Vanġela Saliba, Rose Galea, Assunta Tabone. Antonia Xuereb ma ġiet assenjata l-ebda porzjon ta' din l-art fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo.

mandretta magħha annessa ta' ma' ġemb id-dar li hija tal-kejl ta' tomna u nofs li qiegħda fi Triq Imġarr, Għajnsielem, Għawdex;

»(iv) Anna Xuereb mietet fis-7 ta' Ġunju 1974 b'tliet testmenti – wieħed tan-Nutar Francesco Refalo tal-24 ta' Ottubru 1952 (Dokument Z3), ieħor tan-Nutar John Busuttil tat-3 ta' Jannar 1961 (Dokument Z4) u l-aħħar wieħed tan-Nutar Joseph Cauchi tad-19 ta' Awwissu 1968 (Dokument Z5) filwaqt li oħtha Antonia Xuereb li mietet fis-7 ta' Settembru 1991 għamlet ukoll tliet testmenti – wieħed tan-Nutar Francesco Refalo tal-24 ta' Ottubru 1952 (Dokument Z6), ieħor tan-Nutar John Busuttil tat-3 ta' Jannar 1961 (Dokument Z 7) u l-aħħar wieħed tan-Nutar Joseph Cauchi tad-19 ta' Awwissu 1968 (Dokument Z8);

»(v) Maria Antonia *sive* Antonia Xuereb wirtet lil oħtha Anna Xuereb u fit-tieni artikolu tat-testment tagħha tad-19 ta' Awwissu 1968 (Nutar Joseph Cauchi) – Dokument Z8, hija iddisponiet li jekk tkun superstiti għal oħtha ġermana Anna Xuereb (kif fil-fatt hekk ġara) hija ħalliet b'legat lil Salvu Xuereb bin Paolu Xuereb in-nofs indiviż tan-naħa tat-tramuntana minn biċċa raba' msejħa l-Mandra fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex tal-kejl ta' *circa* tomna u bħala eredi universali innominat lill-Maria mart Ġanni Zerafa;

»(vi) Illi b'kuntratt tad-19 ta' Ottubru 1992 (Nutar Michael Refalo) – Dokument Z9 – l-istess Antonia Xuereb tat b'titolu ta' rendita vitalizia lil Salvu Xuereb porzjoni diviża tal-art imsejħa "Tal-Mandra", limiti ta' Għajnsielem, Għawdex tal-kejl ta' *circa* 576 $m^2$, lil Loreta Zerafa bl-istess titolu ta' rendita vitalizia porzjoni mill-istess art tal-kejl ta' *circa* 228 $m^2$, lil Maria Zerafa porzjoni diviża ta' *circa* 446$m^2$ u tmiss tramuntana mas-sqaq fuq imsemmi, nofsinhar mat-triq proġettata u punent mal-porzjoni imsemmija fuq markata bl-ittri Y u Z fuq l-pjanta annessa mal-istess kuntratt;

»(vii) B'kuntratt ieħor tas-26 ta' Mejju 2001 (atti Nutar Paul George Pisani) (Dokument Z10), Maria Zerafa bħala eredi ta' Antonia Zerafa tat lil Theresa mart Raymond Attard, Loreta Zerafa u lil Rose Demanuele porzjoni diviża mill-art imsejħa il-Mandra tal-kejl ta' 146mk kif murija fuq il-pjanta u site plan annessa mal-istess kuntratt u cioè l-parti ikkulurit bl-aħdar fuq Dokument Z;

»(viii) Illi għar-rigward il-porzjoni B ikkulurita bil-kulur isfar fuq Dok Z din hija ta' ħames (5) kejliet u messet lil Antonia Xuereb bil-kuntratt tal-4 ta' Novembru 1949 (atti Nutar Franesco Xuereb) – Dok Z11. Din il-porzjoni ġiet maqsuma bejn 7 mhux bejn 8, kif jgħid il-kuntratt għaliex Antonia Xuereb ma ħadet xejn minn dina l-porzjoni raba'. Għalhekk kull kondivident ħa 5 kejliet. Allura t-total tal-kejl li ħadu s-7 kondividenti huwa ta' 35 kejla u *cioè* 3 sigħan u nofs u mhux kif erronjament ġie imniżżel fil-letter I fl-istess kuntratt bħala li hija ta' erba' sigħajn u nofs. L-istess art ġiet maqsuma skond it-tabella hawn annesa (dokument Z12). Li hu importanti huwa li r-riħ tal-punent fid-deskrizzjoni tal-istess art dejjem ġiet deskritta li hi ta' Antonia Xuereb;

»(ix) Illi Anna Xuereb bil-kuntratt tad-diviżjoni hawn fuq imsemmi messa l-porzjoni ta' fuq u *cioè* dik limiti tat-tramuntana tmiss ma' Giusepp Spiteri u kif spjegat aktar 'il fuq din sussegwentament ħalliet eredi universali lil oħtha Maria Antonia sive Antonia Xuereb u sussegwentament l-istess Maria Antonia sive Antonia Xuereb ħalliet

eredi universali tagħha lil Maria mart Ġanni Zerafa, kif spjegat hawn fuq;

»(x) Illi bit-testment tagħha tas-26 ta' Mejju 2001 (Nutar Paul George Pisani) – Dokument Z13 – l-istess porjzoni tħalliet lil Theresa mart Raymond Attard il-konvenuta l-oħra;

»(xi) Illi l-esponenti jridu jagħmlu riferenza wkoll għad-denunzji ta' Carmelo Xuereb (Dok Z14), ta' martu Maria Xuereb (Dok Z15), ta' Anna Xuereb (Dok Z16) u ta' Maria Antonia *sive* Antonia Xuereb (Dok Z17).«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»(i) Tordna li l-art tal-kejl ta' erba' mondelli u nofs għandha tinqasam fi tmien porzjonijiet ossija sebgħa porzjonijiet tal-kejl kull porzjon ta' ħames kejliet ekwivalenti għal tlieta u disgħin punt sitta tmienja metru kwadri (93.68mk), u t-tmien porzjon jikkostitwixxi d-differenza bejn il-kejl globali ta' erba' miżuri u nofs ekwivalenti għal mija u tlieta u erbgħin metru punt żero disgħa metri kwadri u l-kejl globali tas-seba' porzjonijiet l-oħrajn;

»(ii) Tiddikjara li l-werrieta ta' Vanġela Saliba huma l-proprjetarji ta' porzjonijiet numru wieħed, erbgħa, ħamsa u sitta; il-werrieta ta' Peter Paul Xuereb proprjetarji ta' porzjon numru 2; il-werrieta ta' Assunta Tabone proprjetarji tal-porzjon numru 3; u l-werrieta ta' Annie Xuereb ossija l-konvenuti proprjetarji tal-porzjon numru 7.

»Għaldaqstant il-linja CD fuq il-pjanta tal-perit Ciliberti għandha tiġi spostata biex kull plot ikollha kejl ta' 93.68mk flok 64.85mk. il-parti l-oħra GCDE (kif modifikata) tibqa' inkomuni bejn il-partijiet u partijiet oħrajn mhux parti f'dawn il-proċeduri.

»(iii) Tinnomina lill-Perit Shawn Micallef sabiex jassigura li taħt id-direzzjoni tiegħu ssir s-segregazzjoni u l-istabiliment tal-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti u cioè dawk il-porzjonijiet rispettivi tal-atturi minn xulxin u dik tal-konvenuti minn dik tal-atturi u dana permezz ta' marki u sinjali permanenti skont il-liġi.

»Bl-ispejjeż tal-kawża inkluż ukoll in-nomina tal-Perit Micallef għan-nom tal-konvenuti.«

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Fil-mertu, il-kwistjoni hija dwar porzjon art li dwarha nħareġ permess ta' zvilupp (numru 6287/03) sabiex jinbena *boundary wall* u kamra għall-għodda agrikola. Il-konvenuti jsostnu li bejn din il-porzjon art u l-kumplament tal-art hemm ħajt tas-sejjieħ għoli. Jidher mill-pjanta tal-Perit Saviour Micallef li l-ħajt se jitwaqqa' sabiex jinbena ieħor minfloku.

»Illi jirrizulta mill-atti li l-konjugi Carmelo Xuereb u Maria *née* Zerafa kellhom tmint itfal: Paolo, Anna u Antonia (xebbiet), Loreta Micallef, Giuseppa Abela, Vangela Saliba, Rose Galea, Assunta Tabone. Maria

Xuereb mietet fit-2 ta' Marzu 1942 intestata. Carmelo Xuereb miet fl-24 ta' Marzu 1947, testat. Fit-testment tas-27 ta' Lulju 1945 in atti Nutar Francesco Refalo, Carmelo Xuereb ħalla b'legat lil Anna u Antonia Xuereb ghas-serviġi reżi minnhom "*the dwelling house with mandretta adjacent to, measuring about one tumolo and a half, situate Strada Via Migiarro of Casal Ghajnsielem, Gozo, marked number twenty-four, bounded on the north by property of Paolo Xuereb, on the east by property of Carmelo Attard, on the south by property of Alfredo Grech, and the one tumolo and half mandretta is bounded on the south by property of Paolo Xuereb, on the east by property of Lorenzo Debono, on the west by property of Antonio Camilleri, on the north by property of the heirs of Luigi Bondi ...*".

»Illi dwar il-biċċa art in kontestazzjoni jingħad li l-konvenuti qegħdin jippretendu li hija tagħhom u li pperveniet lilhom mill-wirt tax-xebbiet Anna u Antonia Xuereb.

»Illi l-konvenuti fl-ewwel lok jirreferu għall-kuntratt ta' dota datat 27 ta' Jannar 1888 in atti Nutar Onorato Giovanni Refalo li sar minn Giuseppe Zerafa għaf-favur ta' bintu Maria u l-futur żewġha Carmelo Xuereb. Fih insibu li gie dotat "*….nel luogo di case, posti nel detto Casale Ghain Sielem nella Strada Migiarro, Vicolo segniato col Numero Ventitre, ed una mandretta congiunta al detto luogo di case, denominata 'Ta' Hanini' in contrada 'ta' Imgiarr' della capacità di lunghezza dieciotto palmi e di larghezza dodici palmi, confinata da levante, e mezzodì, ponente e tramontana con beni di Francesco Cordina …*". L-espert tekniku jispjega li 'dieciotto' palmi jissarfu f'4.71 metri (ftit aktar minn 15-il pied) filwaqt li 'dodici palmi' jissarfu fi 3.14metri (ftit aktar minn 10 piedi). L-istess espert jirrileva li ma jirriżultax mill-proċess għalhekk kif il-ġenituri ta' Anna u Antonia Xuereb akkwistaw id-differenza bejn id-dota mogħtija lil Maria Zerafa u lil futur żewġha u t-tomna u nofs li Anna u Antonia tħallitilhom bħala legat mingħand missierhom tenut dejjem li din hija l-istess art. Madankollu jirriżulta mill-atti li l-art mertu tal-vertenza odjerna ilha tiġi denunzjata sa minn wara l-mewt ta' Maria Xuereb.

»Infatti fid-denunzja ta' Maria Xuereb fis-sena 1942 ġiet denunzjata "*nofs il-mandra mħawla bis-siġar tal-pal tal-bajtar u tat-tin, qiegħda Għajnsielem u fil-Via Migiarro, fiha tomna, tmiss mil-Lvant ma' beni ta' Pawlu Xuereb, mit-Tramuntana ma' beni ta' Ġiuseppi Gatt, min-nofsinhar ma' beni ta' Lorenzo Debono, u mill-punent ma' beni tal-istess Pawlu Xuereb …*".

»Fid-denunzja ta' Carmelo Xuereb fis-sena 1947 ġiet denunzjata: "*Biċċa raba' (mandra) f'Ghajnsielem li fiha xi tomna u nofs li tmiss mit-Tramunatana ma' Toni Cascun u oħrajn, punent ma' Salvu Cassar, nofsinhar ma' Wenzu Debono (in-nofs biss tiegħu)*. F'din id-denunzja Anna u Antonia huma msemmija bħala eredi universali flimkien ma' ħuthom.

»Permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni ppubblikat min-Nutar Francesco Refalo fl-4 ta' Novembru 1949 kienu dehru l-aħwa Xuereb kollha. Fost l-immobbli in diviżjoni kien hemm il-proprjetà li giet deskritta:

> »"One half of the mandretta called 'ta' ma Genb id-dar' segregated from the eastern part, situate Via Migiarr, of Ghajnsielem Gozo, at about four and one half mondelli, bounded on the east by property of Giuseppe Buttigieg, on the south by

> property of Giovanni Zerafa, on the north by property of Giuseppe Spiteri, on the west by property of Antonia and Anna sisters Xuereb".

»Kwindi huwa evidenti li oriġinarjament l-art 'ta' ma Gemb id-Dar' kienet ta' sid wieħed ossija Carmelo u Maria konjugi Xuereb.

»Illi dwar din il-porzjon, l-espert tekniku jispjega li 4 mondelli u nofs jammontaw għal 843.093 mk. Din ġiet assenjata lil sebat aħwa (għalkemm tmien aħwa dehru fuq il-kuntratt ta' diviżjoni) u kull wieħed ġie assenjat 1/8 (105.38mk). Fadal għalhekk 1/8 li mhux assenjat. Fuq l-istess kuntratt jingħad li kull porzjon tniżżel li kien fiha ħames misure u kwindi 93.677 mk. Kwindi hemm differenza ta' 187.354 mk ekwivalenti għal siegħ. Fil-kuntratt ma jingħadx li ġie assenjat sehem minn din ir-raba' lil Antonia Xuereb.

»L-istess espert jikkummenta li permezz tat-testment ta' Carmelo Xuereb tal-1947, Anna u Antonia aħwa Xuereb kienu proprjetarji tad-dar numru 23 kif ukoll tal-mandretta tomna u nofs (1686.15 mk). Fil-fatt jirriżulta li Anna u Antonia Xuereb kienu tħallew b'legat din il-proprjetà. Ma jirriżultax in atti li saret l-istess immissjoni fil-pussess ta' dan il-legat. Min-naha l-oħra din il-Qorti tirrileva li meta Carmelo Xuereb miet kienet diġà mietet martu li min-naħa tagħha kellha wkoll nofs indiviż tal-proprjetà msemmija. Kwindi legalment meta Carmelo Xuereb ħalla l-legat lil Anna u Antonia Xuereb huwa kellu jindika *ad validitatem* li kien jaf li parti mill-proprjeta' mħollija kienet 'legato di cosa altrui' u dan billi huwa kien proprjetarju biss tan-nofs u dan anki kif indikat mill-istess eredi universali tiegħu, inkluzi Anna u Antonia.

»Illi l-espert tekniku osserva "konsidrat li Carmelo Xuereb ħalla lil uliedu Anna u Antonia tomna u nofs (1686.15mk), l-erba' mondelli u nofs (843.07mk) huma verament 'one half' kif deskritti fl-att ta' diviżjoni". Kwindi huwa evidenti li din il-porzjon art markata 'I' fl-att ta' diviżjoni hija proprju nofs il-mandra li tħalliet bħala legat lil Anna u Antonia Xuereb. Kwindi jekk noqogħdu fuq dan l-att ta' diviżjoni, nofs il-mandretta baqgħet tappartjeni lill-aħwa Anna u Antonia Xuereb. In-nofs l-ieħor ġie assenjat bejn sebat aħwa u Anna Xuereb ġiet assenjata 1/8 minn dan in-nofs indiviż.

»Illi l-konvenuti dwar dan l-att tad-diviżjoni jsostnu li huwa evidenti li sar żball min-Nutar u mill-partijiet u li fil-fatt l-art inkwistjoni ġiet assenjata inkwantu għal 1/7 kull parti. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan u dan inkwantu d-diversi kuntratti li ġew eżebiti. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-atturi li l-1/8 semmai baqa' in komun mal-eredi tal-konjugi Zerafa.

»Illi inkwantu ghall-kwistjoni li Anna u Antonia Xuereb setgħu rrinunzjaw għall-parti mil-legat, il-konvenuti jsostnu li kwalunkwe rinunzja ma tistax tiġi preżunta. Dan huwa minnu. Madankollu, din il-Qorti temmen li altru milli r-rinunzja ta' nofs indiviz mhix preżunta. Fl-ewwel lok, Anna u Antonia Xuereb (li kienu wkoll werrieta universali) dehru flimkien ma' ħuthom fuq il-kuntratt ta' diviżjoni biex jaqsmu l-proprjetà formanti parti mill-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom u kienu firmatarji tal-istess. Fit-tieni lok, huwa evidenti li kien hemm ftehim bejn l-aħwa biex dan kollu jsir. Il-Qorti temmen li possibilment dan seħħ billi kif diġà ġie rilevat Carmelo Xuereb fit-testment tiegħu ma ndikax li nofs indiviż tal-oġġett tal-legat kien fil-fatt ma jappartjenix lilu u kwindi legalment bħala legato di cosa altrui lanqas kien validu skont il-liġi.

Għalhekk l-aħwa kollha qablu dwar din il-proprjetà u ma jirriżultax li kien hemm xi litiġji dwar l-istess. Infatti sa mid-denunzja tiegħu ġie indikat li nofs indiviż tal-mandretta kien jifforma parti mill-assi ereditarji tiegħu. Dan huwa pjuttost stramb meta l-istess Carmelo Xuereb kien ħalla t-tomna u nofs kollha lil Anna u Antonia Xuereb. Tajjeb li jiġi rilevat ukoll li d-denunzja saret għan-nom tal-eredi universali kollha inkluż għalhekk minn Anna u Antonia Xuereb.

»Kwindi l-konvenuti m'għandhomx raġun jibqgħu jinsistu li l-immobbli mertu tal-kawża ġej għandhom mill-wirt u suċċessjoni ta' Antonia u Anna Xuereb wara li dawn akkwistaw l-immobbli mingħand il-ġenituri tagħhom b'legat, u dan billi dawn iż-żewġt aħwa flimkien ma' ħuthom l-oħrajn qasmu din ir-raba' permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni tal-1949.

»Permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni, Paolo Xuereb, Anna Xuereb, Loreta Micallef, Giuseppa Abela, Vangela Saliba, Rose Galea u Assunta Tabone messhom porzjon diviż kull wieħed u waħda minnhom tal-kejl ta' 5 kejliet (93.67 mk) b'Vangela Saliba tieħu porzjon numru 1, Paolo Xuereb porzjon numru 2, Assunta Tabone porzjon numru 3, Loreta Micallef porzjon numru 4, Rosa Galea porzjon numru 5, Giuseppa Abela porzjon numru 6 u Anna Xuereb porzjon numru 7, b'porzjon numru 1 huwa l-porzjon illi jinsab fin-nofsinhar u l-porzjon numru 7 li jiġi l-aktar wieħed fit-tramuntana.

»Hekk kif diġà ġie rilevat l-ħames kejlet multiplikati għal 7 darbiet ma jġibux il-kejl totali ta' 4 siegħan u nofs, u hemm diskrepanza bejn il-kejl dikjarat tal-għalqa kollha u l-kejl tal-porzjonijiet diviżi ta' madwar 187.48 mk. Kif diġà ingħad dan is-siegħ għadu indiviż bejn il-partijiet kollha li dehru fuq il-kuntratt ta' diviżjoni.

»Hekk kif issottomettew l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom kien hemm proprjetà oħra li għalkemm kienet tħalliet b'legat lil Antonia u Anna Xuereb ġiet diviża jew b'mod ieħor trasferita bejn l-aħwa kollha permezz tal-kuntratt tan-Nutar Francesco Refalo. Infatti waqt aċċess li sar fl-4 ta' Frar 2011 ġie verbalizzat is-segwenti:

> »"Il-Qorti ġiet murija d-dar li hemm riferenza għaliha fit-testment tas-27 ta' Lulju 1945 (fol 113) ta' Carmelo Xuereb u li tħalliet b'legat flimkien mal-mandretta ta' tomna u nofs. Fit-testment jingħad li d-dar għandha n-numru 24 u skont Loreta Zerafa llum in-numru hu 58. Fil-faċċata tal-fond m'hemmx numru. Dr Refalo jiddikjara li minkejja l-fatt li dan il-fond tħalla b'legat lil Anna u Antonia aħwa Xuereb ulied Carmelo u Maria konjugi Xuereb, din id-dar reġgħet issemmiet bħala parti mill-proprjetà li nqasmet permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-4 ta' Novembru 1949 fejn ġie dikjarat li l-werrieta kollha biegħu s-sular ta' fuq lil Pawlu Xuereb. Dr Refalo jiddikjara li f'dan il-fond kienu jgħixu Anna u Antonia Xuereb. Maria Theresa Xuereb, waħda mill-atturi preżenti waqt l-aċċess tal-lum, tikkonferma dan il-fatt u li l-fond kien inbigħ fl-intier lil omm il-konvenuti, mentri l-wirt ta' Anna u Antonia Xuereb għadda ghand il-familja tal-konvenuti."

»Il-konvenuti għalhekk jissottomettu li huma s-sidien tad-dar appena msemmija għaliex il-fond li kien inxtara minn Pawlu Xuereb ġie sussegwentement mibjugħ lil omm il-konvenuti stess – kwindi huwa evidenti li kien hemm ftehim bejn il-kontraenti. U dan ikompli jsaħħaħ il-fehma li anki għal dak li jirrigwarda l-mandretta ġara hekk ukoll anki jekk fl-att ta' divizjoni ma ġiex spjegat għalfejn kien qiegħed isir hekk.

»Inkwantu għall-wirt ta' Anna u Antonia Xuereb jirriżulta s-segwenti:

»Anna Xuereb għamlet tliet testmenti:

»(i) 24 ta' Ottubru 1952 (atti Nutar Francesco Refalo) li ġie revokat bit-testment tat-3 ta' Jannar 1961 in atti Nutar John Busuttil. F'dan it-testment, Anna Xuereb imponiet piż u oneru reali (quddiesa letta) in perpetwu fuq sehemha mill-biċċa raba' msejħa 'l-mandra' fil-limiti ta' Għajnsielem Għawdex ta' kejl *circa* tomna, tmiss Tramunatana ma' beni ta' Paolo Xuereb, Lvant ma' beni ta' Domenico Abela. F'dan it-testment Anna Xuereb ħalliet lil oħtha M'Antonia Xuereb eredi universali.

»(ii) Permezz tat-testment tad-19 ta' Awwissu 1968 in atti Nutar Giuseppe Cauchi, oltre d-disposizzjonijiet testamentarji tat-testment preċedenti, it-testatriċi tat il-fakoltà lill-eredi tagħha u lil-legatarji skont il-każ, jifdu l-fondazzjoni minnha ordnata, u f'każ li oħtha M'Antonia Xuereb tkun mietet qabilha ħalliet (a) b'titolu ta' legat lil Salvu Xuereb, bin Pawlu Xuereb (ħu t-testatriċi), nofs indiviż tan-naħa tat-tramuntana minn biċċa raba' msejħa l-mandra fil-limiti t'Għajnsielem, Għawdex ta' kejl ta' *circa* tomna, tmiss tramuntana ma' beni ta' Paolo Xuereb, lvant beni ta' Loretu Xuereb, u punent ma' beni ta' Domenico Abela, (b) werrieta universali tal-beni tagħha kollha preżenti u futuri, mobbli u immobbli tinnomina u tistitwixxi lil Maria mart Ġanni Zerafa, bint Pawlu Xuereb, ħu t-testatriċi, bl-obbligu fiha Maria Zerafa li tieħu ħsieb it-testatriċi u tipprestalha s-servizzi u assistenza kollha li t-testatriċi jkollha bżonn sad-data ta' mewtha.

»Anna Xuereb mietet fis-7 ta' Gunju 1974.

»Antonia Xuereb min-naħa tagħha għamlet ukoll tliet testmenti *cioè*:

»(i) 24 ta' Ottubru 1952 (atti Nutar Francesco Refalo) li ġie revokat bit-testment tat-3 ta' Jannar 1961 in atti Nutar John Busuttil. F'dan it-testment, M'Antonia Xuereb imponiet piż u oneru reali (quddiesa letta) in perpetwu fuq sehemha mill-biċċa raba' msejħa 'l-mandra' fil-limiti ta' Għajnsielem Għawdex ta' kejl *circa* tomna, tmiss Tramunatana ma' beni ta' Paolo Xuereb, Lvant ma' beni ta' Domenico Abela. F'dan it-testment Anna Xuereb ħalliet lil oħtha Anna Xuereb eredi universali.

»(ii) Permezz tat-testment tad-19 ta' Awwissu 1968 in atti Nutar Giuseppe Cauchi, oltre d-disposizzjonijiet testamentarji tat-testment preċedenti, it-testatriċi tat il-fakoltà lill-eredi tagħha u lil-legatarji skont il-każ, jifdu l-fondazzjoni minnha ordnata, u f'każ li oħtha Anna Xuereb tkun mietet qabilha ħalliet (a) b'titolu ta' legat lil Salvu Xuereb, bin Pawlu Xuereb (ħu t-testatriċi), nofs indiviż tan-naħa tat-tramuntana minn biċċa raba' msejħa l-mandra fil-limiti t'Għajnsielem, Għawdex ta' kejl ta' *circa* tomna, tmiss tramuntana ma' beni ta' Paolo Xuereb, lvant beni ta' Loretu Xuereb, u punent ma' beni ta' Domenico Abela, (b) werrieta universali tal-beni tagħha kollha preżenti u futuri, mobbli u immobbli tinnomina u tistitwixxi lil Maria mart Ġanni Zerafa, bint Pawlu Xuereb, ħu t-testatriċi, bl-obbligu fiha Maria Zerafa li tieħu ħsieb it-testatriċi u tipprestalha s-servizzi u assistenza kollha li t-testatriċi jkollha bżonn sad-data ta' mewtha.

»Antonia Xuereb mietet fis-7 ta' Settembru 1992.

»Tajjeb ukoll li jiġi rilevat li fid-denunzja ta' Anna Xuereb ġie ddenunzjat 'nofs indiviż ta' biċċa raba' imsejħa 'Il-Mandra' fil-limiti ta'

Għajnsielem, Gozo. Mhux tajba għall-bini. Ċirka tomna. Tmiss tramuntana ma' Paolo Xuereb, lvant ma' Loreto Xuereb u punent ma' Duminku Abela". L- istess sar mill-eredi ta' M'Antonia Xuereb u kwindi l-konvenuti ma jistgħux jibqgħu jargumentaw li mill-wirt ta' Anna u Antonia Xuereb ipperveniet lilhom mandretta ta' kejl tomna u nofs billi l-*aventi causa* [*recte*, l-awturi] tagħhom iddikjaraw li kien fiha *circa* tomna u mhux tomna u nofs.

»Jirriżulta li omm il-konvenuti Maria Zerafa f'kuntratt sussegwenti irrikonoxxiet illi l-għelieqi diviżi fil-kuntratt tal-1949 ma kienux jaslu biss sal-ħajt tas-sejjieħ li ilu hemm għal għexieren tas-snin, iżda kienu jmissu mal-passaġġ tal-konkos. Inoltre l-kejl ta' kull porzjon kien ikbar mill-kejl li l-konvenuti qeghdin jippretendu li ghandu jigi assenjat lill-atturi. Kuntratt ieħor li jitfa' dawl dwar il-konsistenza tal-art akkwistata minn kull wieħed u waħda mill-kondividenti huwa l-kuntratt ta' diviżjoni pubblikat min-Nutar Michael Refalo datat 15 ta' Settembru 1994.

»Wara l-mewt ta' Paolo Xuereb (li kien messu porzjon numru 2 fil-kuntratt ta' diviżjoni) kienu dehru fuq att ieħor ta' diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Paolo Xuereb l-eredi u s-suċċessuri tal-istess Paolo Xuereb, fosthom Peter Paul Xuereb li lilu ġiet assenjata l-porzjon numru 2, u oħt Peter Paul Xuereb, Maria mart John Zerafa, li hija omm il-konvenuti odjerni. L-art ġiet deskritta bħala 'biċċa raba' tal-kejl ta' *circa* sitta u tmenin punt tnejn u għoxrin metri kwadri (86.22 mk) u konfinnati nofsinhar beni tal-eredi ta' Vangela Saliba, punent passaġġ u lvant beni ta' Assunta Tabone u li hija indikata bl-aħmar fuq l-annessa pjanta markata J'. Fuq dan il-kuntratt, l-art ġiet deskritta li tmiss mill-punent ma' passaġġ, li anki mill-pjanta annessa mal-istess kuntratt jirriżulta li huwa l-passaġġ tal-konkos immarkat bl-ittra EFGH fuq il-pjanti redatti mill-Perit Tekniku Vincent Ciliberti.

»Seba' snin wara l-istess Maria Zerafa permezz tal-kuntratt tan-Nutar Michael Refalo fuq ċitat kienet qablet dwar safejn kienet testendi l-art li messet lil ħuha Peter Paul Xuereb, u flimkien mal-komproprjetarji l-oħrajn assenjatha lil ħuha Peter Paul Xuereb; permezz ta' kuntratt ppubblikat min-Nutar Pisani fis-26 ta' Mejju 2001 ittrasferiet favur uliedha l-art konsistenti fil-passaġġ tal-konkos market EFGH u strixxa oħra ta' art fuq il-pjanta tal-perit Ciliberti mmarkata bl-ittri EFCD li skont l-atturi tappartjeni lilhom ghax gejja ghandhom bil-kuntratt tan-Nutar Francesco Refalo:

> »"Bis-sahha ta' dana l-att, id-donanti qegħda tassenja u titrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, b'effett millum a favur tad-donatarji, li jaċċettaw u jakkwistaw bl-istess titolu, porzjoni diviża mill-art imsejħa il-Mandra, fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex tal-kejl ta' 146 metri kwadri u tmiss mill-punent ma' beni tad-donatarji, lvant ma' beni tad-donanti u oħrajn u tramuntana u nofsinhar ma' beni ta' Peter u Theresa konjugi Xuereb … l-immobbli hawn trasferit ippervena lid-donnati mill-wirt u suċċessjoni ta' Maria Antonia Xuereb li mietet fis-7 ta' Settembru 1992 …"

»Din l-art però jidher li kienet ġiet trasferita lil Peter Paul Xuereb seba' snin qabel. Meta l-konvenuti rreġistraw dan it-trasferiment mar-Reġistru tal-Artijiet inħoloq overlap fuq il-porzjon art diġà reġistrata minn Peter Paul Xuereb abbażi tal-kuntratt tan-Nutar Michael Refalo.

»Inoltre dwar il-passaġġ tal-konkos li f'atti oħrajn li resqet fuqhom Maria Zerafa ġie deskritt bħala sqaq, Antonia Xuereb qatt ma ppretendiet li huwa tagħha. Tant huwa hekk li l-kuntratt tad-19 ta' Ottubru 1992, fejn Antonia Xuereb ikkonċediet b'titolu ta' rendita vitalizia favur in-neputijiet tagħha inkluż favur Maria Zerafa madwar tomna raba', ġie indikat li l-porzjonijiet li messew lil Maria Zerafa, Salvu Xuereb u Loreta Zerafa jmissu mit-tramuntana ma' sqaq li jisbokka fi Mgarr Road u min nofsinhar ma' triq ġdida proġettata (illum Triq Dun Tabone). Jidher li hemm żball fl-irjieħ indikati għaliex dawn il-porzjonijiet imissu mill-punent ma' Triq Dun Tabone u lvant mal-isqaq. Iżda l-fatt li l-isqaq ġie indikat bħala konfini huwa indikattiv li Antonia Xuereb ma kinitx tikkunsidrah bħala li huwa proprjetà tagħha. Inoltre l-kejl totali tal-art li ttrasferiet permezz ta' dan il-kuntratt kien *circa* tomna li huwa ekwivalenti ghall-kejl li jissemma fid-denunzji u testmenti tax-xebbiet Xuereb.

»Ġew ukoll preżentati kuntratti li permezz tagħhom Vangela Saliba akkwistat porzjonijiet numru 4 mingħand Loreta Micallef, porzjon numru 5 mingħand Rosa Galea. L-attur Vincent Galea spjega li l-porzjon numru 6 ġie akkwistat mingħand Ġużeppa Abela. Infatti permezz tal-kuntratt tas-17 ta' Ottubru 1951, Rosa Galea u Loreta Micallef bigħu u ttrasferew lil Salvatore Saliba 'il-mandra' li tinsab fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex tal-kejl ta' siegħ, b'li fiha, tmiss punent ma' beni ta' Anna Xuereb, tramuntana ma' beni ta' Salvatore Saliba, lvant ma' beni ta' Loenzo Debono u nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Micallef. Ġie dikjarat li din l-art kienet ipperveniet lill-vendituri bis-saħħa ta' att ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949. Billi Salvatore u Vangela Saliba akkwistaw żewġ porzjonijiet u kwindi kull porzjon kellha kejl ta' ħames kejliet.

»Dwar l-applikazzjonijiet ippreżentati minn Dr Marlin Vella huma relatati mas-suċċessjoni ta' Antonia Zerafa, Carmela Fenech u Giuseppe Saliba li kienu l-werrieta ta' Vanġela u Salvatore Saliba. L-atturi jsostnu li inkwantu għall-applikazzjoni LRA 159/06 intużat pjanta żbaljata li kienet turi territorju tal-kejl totali ta' 466 mk. Il-pjanta ma kinitx tagħmel distinzjoni bejn il-porzjonijiet li messu lil Vangela Saliba u l-porzjonijiet l-oħrajn u dan peress li l-perit inkarigat mill-atturi qabad u kejjel l-art sal-ħajt tas-sejjieħ. Dan l-iżball baqa' jiġi ripetut f'żewġ applikazzjonijiet oħra li ġew preżentati sena wara. F'dawn l-applikazzjonijiet anki l-ishma reġistrati huma żbaljati peress li Antonia Zerafa wirtet 1/3 indiviż tal-assi ereditarji ta' Vangela u Salvatore Saliba u mhux 1/21. L-istess ġara fis-suċċessjonijiet ta' Carmela Fenech u Giuseppe Saliba. L-att ġew korretti u dan biex jirriflettu x'intiret. L-atturi jissottomettu li kienet il-pjanta u l-applikazzjoni ta' Peter Paul Xuereb li kienet dik korretta. Il-pjanta annessa mal-applikazzjoni hija simili għall-pjanta annessa mal-kuntratt.

»Għalhekk nonostante li l-konvenuti jissottomettu li l-ħajt tas-sejjieħ filfatt huwa d-delimitazzjoni tal-konfini naturali bejn il-proprjetajiet, in verità irriżulta li dan ma jistax jitqies bħala tali billi l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-konvenuti ppruvaw jużurpaw parti mill-art li tappartjeni lilhom.

»Għaldaqstant din il-Qorti se tipproċedi billi taqsam l-art tal-kejl ta' erba' mondelli u nofs fi tmien porzjonijiet – seba' porzjonijiet bil-kejl kull porzjon ta' ħames kejliet ekwivalenti għal 93.68 mk, u t-tmien

porzjon jikkostitwixxi d-differenza bejn il-kejl globali ta' 4 misure u nofs ekwivalenti għal 843.09 mk u l-kejl globali tas-seba' porzjonijiet l-oħra.

»Finalment jingħad li jirriżulta mill-atti li l-atturi fil-fatt għandhom aċċess u passaġġ liberu għall-proprjetà tagħhom.«

9. Il-konvenuti appellaw b'rikors tat-23 ta' Diċembru 2015 li għalih l-atturi wieġbu fil-25 ta' Jannar 2016.

10. L-appell tal-konvenuti appellanti prinċipalment jolqot l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti. Fir-rikors tal-appell tagħhom isostnu illi l-istrixxa art mertu tal-proċeduri odjerni kienet tifforma parti mill-legat imħolli lil Anna u Antonia aħwa Xuereb fit-testment ta' missierhom tas-27 ta' Lulju 1945 in atti Nutar Francesco Refalo u għalhekk l-ewwel qorti kien imissha kkonkludiet illi l-ħajt tas-sejjieħ jifred il-proprjetà tagħhom minn dik tal-atturi. Skond il-konvenuti appellanti "li kieku kellha tiġi aċċettata l-ordni tal-Qorti, jiġi li l-konfini jestendu oltre l-istrixxa art in disputa (u kwindi s-sentenza hija wkoll *ultra* jew *extra petita*) u jidħlu kemm fil-bini tal-konvenuti kif ukoll f'dak ta' terzi persuni li m'humiex parti fil-kawża". Iżidu jgħidu illi l-ewwel qorti ma jmisshiex iddikjarat li l-parti GCDH (kif modifikata) tibqa' inkomuni bejn il-partijiet u partijiet oħrajn mhux parti f'dawn il-proċeduri peress li sentenza ma tistax tagħmel stat fil-konfront ta' persuni li ma jkunux parti fil-proċeduri.

11. Il-konvenuti appellanti jfissru l-appell tagħhom hekk:

»L-Ewwel Onorabbli Qorti injorat għal kollox il-ħajt diviżorju tas-sejjieħ antik li jifred u allura jagħżel b'mod naturali l-proprjetà li l-atturi għandhom sehem minnha u l-proprjetà li hija tal-konvenuti u li pproveniet lilhom mingħand Antonia Xuereb.

»L-Ewwel Onorabbli Qorti ħadet il-qies ta' "erba' mondelli u nofs" imsemmi fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949, assumiet li

dan kien kejl tajjeb u ordnat l-estensjoni tal-art tal-atturi lil hinn mill-ħajt diviżorju antik b'dan li "l-parti l-oħra GCDE (kif modifikata) tibqa' komuni bejn il-partijiet u partijiet oħrajn mhux parti f'dawn il-proċeduri". Din id-deċiżjoni hija impossibbli li titwettaq. Erba' mondelli u nofs isarrfu f'843.093 m.k. L-area ABCD u cjoè l-area tal-atturi sal-ħajt tas-sejjieħ hija tal-kejl ta' 453.98 m.k. L-area GCDE mhux indikata mill-perit tekniku Ciliberti u għalhekk f'dan is-sens is-sentenza hija wkoll żbaljata. Preżumibilment il-qorti riedet tgħid l-area GCDH. Din għandha area ta' 161.67 m.k. Għalhekk jekk tgħaqqad din l-area mal-area ABCD jiġi total ta' 615.65 m.k. li huwa ferm inqas minn 843.093m.k. Il-konsegwenza tkun li l-area mhux tiċkien, imma tisparixxi għal kollox u anzi l-linja tal-konfini tidħol fil-bini mhux biss tal-konvenuti imma wkoll ta' terzi persuni.

»Din il-parti tas-sentenza tmur *extra petita* billi lanqas l-atturi m'huma qegħdin jallegaw li għandhom parti mill-passaġġ EFGH (u saħansitra oltre) imma fil-mori tal-kawża għamluha ċara li qegħdin jippretendu li l-art tagħhom testendi sa dan il-passaġġ.

»Din il-parti tad-dispositiv tas-sentenza barra li huwa matematikament skorrett, u barra li tmur *ultra* jew *extra petita*, hija wkoll żbaljata ġuridikament billi jċekken strixxa art (GCDE) li s-sentenza stess tgħid li jappartjeni ukoll lil "partijiet oħrajn mhux parti f'dawn il-proċeduri". Sentenza ma tistax tagħmel stat ħlief bejn il-partijiet fil-kawża; iżda din is-sentenza qiegħda – espressament – tagħmel stat fil-konfront ta' allegati terzi persuni u tnaqqsilhom art li hi stess tgħid li s'issa kienu jqisu li tappartjeni lilhom ossia li għandhom sehem minnha.

»Il-qies li wieħed ikollu fil-kuntratt tal-akkwisti ma jintitolahx jiskorri l-konfini tal-art minnu akkwistata jekk isib li fil-fatt għandu kejl inqas minn dak indikat fil-kuntratt, kif qed jippretendu l-atturi u kif statuwiet il-Qorti. Fil-kuntratt tad-diviżjoni, l-art assenjata lill-atturi (u waħda mid-*dante causa* tal-konvenuti) hija deskritta f'lott "I" li kien hemm għall-qasma bħala "nofs il-mandretta magħrufa bħala "ta' ġemb id-dar li tinsab mifruda min-naħa tal-Lvant". Iġifieri kienet segregata mill-bqija tal-fond li dak iż-żmien kien jikkonsisti f'dar żgħira u raba' ta' tomna u nofs. U kif juru l-areal photos antiki, l-uniku ħaġa segreganti kien il-ħajt tas-sejjieħ fuq imsemmi, muri bħala "CD" fuq il-pjanta tal-perit tekniku.

»Mhux biss kien hemm il-konfini antikament stabbiliti, imma l-istess kuntratt ta' diviżjoni jalludi għal din l-istess konfini. Kjarament żbaljat l-Ewwel Onorabbli Qorti meta ddeċidiet li tinjora konfini stabbiliti u toħloq oħrajn, għax kawża għar-regolament tal-konfini tippresupponi inċertezza fil-konfini.

»Ta' min jiġbed l-attenzjoni li l-art ta' mad-dar hija konsistentement imsejjħa "Il-Mandra" mentri l-art tal-atturi hija msejjħa "Ta' maġemb id-dar". Ċjoè għandhom isem differenti u distint.

»Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ħażin irraġunat li l-legat mogħti minn Carmelo Xuereb lil uliedu Anna u Antonia tad-dar b'tomna u nofs raba' magħha kien jgħodd kwantu għal nofsu biss, għax hu kellu biss in-nofs; *ergo* meta sar il-kuntratt tad-diviżjoni tal-1949 dawn aċċettaw li jieħdu biss nofs l-art u sehemhom min-nofs l-ieħor li allura kien jappartjeni lil ommhom li kienet mietet qabel missierhom, intestata. L-ewwelnett, jekk il-werrieta l-oħra aċċettaw il-wirt, jiġi li rrikonoxxew il-ħlas tal-legat kollu kemm hu. It-tieni nett, kieku sar kif ikkonkludiet il-Qorti kien ikun hemm rinunzja ta' dritt, u dan għandu jirriżulta ċar u

mhux minn ċirkostanzi ekwivoċi. Imkien m'hemm l-iċken aċċenn fil-kuntratt tad-diviżjoni li kienet qiegħda ssir xi rinunzja jew aċċettazzjoni ta' nofs il-legat minflok il-legat kollu kemm hu. It-tielet, fid-deskrizzjoni f'item "I" fil-kuntratt tad-diviżjoni, mhux biss, min-naħa l-waħda, hemm, korrispondentement, li hija tmiss "Punent ma' beni ta' Antonia u Anna aħwa Xuereb" u ċjoè mal-art ta' tomna u nofs lilhom imħollija minn missierhom. Mhux biss m'hemmx fil-kuntratt l-iċken aċċenn għal xi rinunzja, imma addirittura hemm ukoll aċċettazzjoni mill-werrieta l-oħrajn tal-legat rilaxxjat lix-xebbiet Antonia u Anna minn missierhom.

»Mhux hekk biss. Il-kondotta posterjuri għall-kuntratt ta' diviżjoni turi kif Antonia (li sussegwentement wirtet sehem oħtha Anna) u s-suċċessuri tagħha fit-titlu iddisponew minn ċirka tomna u nofs raba' b'kollox. B'kuntratt ta' rendita vitalizia tad-19 t'Ottubru 1982 (esibit), Antonia Xuereb ittrasferiet, mill-art li kellha, 576 m.k. lil Salvu Xuereb (plots U,V, W), 228 m.k. lil Loreta Zerafa (plot X) u 464 m.k. lil Maria Zerafa. Għall-ewwel darba, f'dan il-kuntratt hemm pjanta mehmuża u għalhekk jirriżulta eżattament x'kien qed jiġi ttrasferit. Il-plots huma deskritti bħala li jikkonfinaw min-nofsinhar ma' triq proġettata u mit-tramuntana ma' sqaq li jisbokka f'Imġarr Road. It-total ta' dawn il-plots huwa, skond il-kuntratt, ta' 1,268 metri kwadri. (il-perit tekniku kejjilhom bħala 1,328.42 m.k.). Sussegwentement Maria Zerafa, unika werrieta testamentarja ta' Antonia Zerafa, b'kuntratt tas-26 ta' Mejju 2001 (Atti Nutar Paul Pisani) (dokument KZ10) assenjat lill-konvenuti porzjoni diviża mill-art imsejjża "Il-Mandra" kif murija fuq il-pjanta u site-plan mehmuża, u ċjoè l-parti ikkulurita bl-aħdar fuq Dokument Z tal-kejl ta' 146 m.k. tikkonfina mill-Punent ma' beni tad-donatarji, Lvant ma' beni tad-donanti u oħrajn u Tramuntana u Nofsinhar ma' beni ta' Peter u Theresa konjugi Xuereb (skont il-perit tekniku, din l-art tkejjel 161.67 m.k. – GCDH). B'kollox, Antonia Zerafa u l-werrieta tagħha Maria Zerafa iddisponew minn total ta' 1,414m.k. (skont il-perit tekniku, din l-art tkejjel 1,490.49 m.k.). Tomna u nofs issarraf f'1,686 m.k. Għalhekk kjarament Antonia Zerafa kellha tomna u nofs raba', u mhux erba' sigħan u nofs.

»Jekk wieħed jgħodd l-area kollha, kif imkejjla mill-perit tekniku, isib li hemm 1,490.49 m.k. + 453.98 m.k. = 1,944.47 m.k. ċjoè 258 m.k. iżjed minn tomna u nofs, li jekwivalu għal 14-il kejla jew kważi siegħ u nofs. Ċjoè hemm area ta' kważi 10 sigħan u nofs minflok ta' 9 kejliet.

»Għar-raġunijiet premessi, m'hemm l-ebda dubbju li l-area ABCD mhix parti mit-tomna u nofs raba' legata minn Carmelo Xuereb lil uliedu Anna u Antonia xebbiet Xuereb.

»In rikapitolazzjoni:

»1. hemm ħajt tas-sejjieħ li jifforma delineazzjoni irrifjutabbli u inekwivokabbli u għalhekk mhux permessibbli jsir spustament ta' dan il-konfini ċert u antikament stabbilit.

»2. kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-Ewwel Onorabbli Qorti, m'hemm l-ebda indikazzjoni li r-raba' ABCD jifforma parti mir-raba' (u dar) legati lil Anna u Antonia xebbiet Xuereb. Ll tagħmel il-Qorti huwa mera supposizzjoni li saħansitra l-atturi jirreferu għaliha bħala mera "possibilità". Il-piż tal-prova jispetta fuq l-atturi, billi effettivament huma qegħdin jippruvaw jagħmlu rivendika tal-art in disputa li ilha għal ferm iktar minn tletin sena fil-pussess tal-konvenuti jew id-*dante causa* tagħhom, apparti li għandhom titlu fuqha.

»3. hemm indizji li jikkuntrjaw il-konklużjoni tal-Qorti; fosthom il-fatt li Antonia Xuereb u l-werrieta tagħha Maria Xuereb iddisponew b'firxa ta' tomna u nofs rabaż. Kellhom id-doppju ta' erba' sigħan u nofs f'idejhom – il-kejl li kien ikollhom kieku rrinunzjaw għal nofs ir-raba' lilhom legat.

»4. li kieku kellha tiġi aċċettata l-ordni tal-Qorti, jiġi li l-konfini jestendu oltre l-istrixxa art in disputa (u kwindi s-sentenza hija wkoll *ultra* jew *extra petita*) u jidħlu kemm fil-bini tal-konvenuti kif ukoll f'dak ta' terzi persuni li m'humiex parti fil-kawża. Dan huwa prova oħra, jekk hemm bżonn, ta' kemm hija żbaljata l-Ewwel Onorabbli Qorti, li bniet kollox fuq il-mera suppożizzjoni li l-art ABCD tifforma parti mil-legat imħolli lil Anna u Antonia xebbiet Xuereb.»

12. Wara li fliet l-atti kollha proċesswali, din il-qorti hija tal-fehma illi m'hemm l-ebda raġunijiet serji li jwassluha sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti.

13. Fl-ewwel lok, mill-atti proċesswali jirriżulta biċ-ċar illi l-istrixxa art mertu tal-proċeduri odjerni [6] ma kinitx tifforma parti mill-legat imħolli lil Anna u Antonia aħwa Xuereb fit-testment ta' missierhom Carmelo Xuereb tas-27 ta' Lulju 1945.

14. Huwa minnu illi fit-testment tiegħu tas-27 ta' Lulju 1945, in atti Nutar Francesco Refal,o Carmelo Xuereb kien ħalla b'legat lil Anna u Antonia Xuereb għas-serviġi reżi minnhom "*the dwelling house with mandretta adjacent to, measuring about one tumoli and a half, situate Strada Via Migiarro of Casal Għajnsielem, Gozo, marked number twenty-four ...*"

15. Madanakollu l-proprjetà hawn fuq imsemmija – li tħalliet minn Carmelo Xuereb lil uliedu Anna u Antonia aħwa Xuereb b'legat – ma kinitx tappartjeni biss lil Carmelo Xuereb iżda nofsha kienet

[6] L-istrixxa art in kontestazzjoni hija dik mmarkata bl-ittri 'GCDH' fuq il-pjanta tal-perit tekniku Vincenti Ciliberti li tinsab a fol. 341 tal-proċess.

tappartjeni lil martu Maria Xuereb peress li din kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.[7]

16. Peress li d-dar in kwistjoni u l-mandretta ta' *circa* tomna u nofs ma kienux jappartjenu biss lil Carmelo Xuereb iżda hu kellu biss nofs indiviż tal-imsemmija dar u nofs indiviż biss tal-mandretta ta' *circa* tomna u nofs, u peress ukoll li fit-testment tiegħu hawn fuq imsemmi l-istess Carmelo Xuereb ma ddikjarax li kien jaf li din il-proprjeta' ma kinitx kollha tiegħu, l-legat imħolli lil Anna u Antonia aħwa Xuereb minn missierhom seta' jkollu effett biss fir-rigward tas-sehem ta' nofs indiviż tal-imsemmija dar u fir-rigward tas-sehem ta' nofs indiviż tal-mandretta ta' *circa* tomna u nofs.

17. L-art. 696(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi b'mod ċar illi:

> »Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; ... ... ...»

18. L-art. 698 tal-istess Kodiċi mbagħad jipprovdi illi:

> »Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha.»

19. Fid-dawl tas-suespost, u peress ukoll li mill-provi prodotti jirriżulta li l-proprjetà msemmija ma kinitx tiegħu biss iżda nofsha kienet tappartjeni lil martu (li mienet qablu), l-argument li ressqu l-konvenuti appellanti fis-sens li Antonia u Anna aħwa Xuereb kienu akkwistaw id-dar sħiħa u t-tomna u nofs art kollha adjaċenti għall-imsemmija dar mingħand missierhom ma jreġix.

---

[7] Ara d-denunzja ta' Maria Xuereb a *foll.* 102, 103 tal-proċess.

20. Lanqas ma jreġu ż-żewġ argumenti l-oħra tagħhom fis-sens li: a) kien hemm bżonn li ssir rinunzja ta' dritt, da parti tagħhom, għan-nofs l-ieħor tad-dar u għan-nofs l-ieħor tal-mandretta ta' tomna u nofs; b) peress li l-werrieta l-oħra aċċettaw il-wirt, "jiġi li rrikonoxxew il-ħlas tal-legat kollu kemm hu".

21. L-ebda rinunzja ta' dritt ma' kienet meħtieġa fiċ-ċirkostanzi peress li, kif ingħad aktar 'l fuq, Anna u Antonia aħwa Xuereb ma wirtux il-mandretta sħiħa ta' tomna u nofs adjaċenti mad-dar mingħand missierhom iżda wirtu biss sehem ta' nofs indiviż mill-imsemmija mandretta ta' *circa* tomna u nofs. Il-legat in kwistjoni seta' jkollu effett fir-rigward tal-mandretta kollha likieku t-testatur Carmelo Xuereb irrikonoxxa li din ma kinitx kollha tiegħu – iżda dan m'għamlux, u għalhekk il-legat in kwistjoni ma setax jikkostitwixxi *legato di cosa altrui* validu ai termini tal-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili.

22. L-argument l-ieħor tal-konvenuti appellanti huwa wkoll legalment skorrett. Il-fatt li l-werrieta (l-aħwa Xuereb) kienu aċċettaw il-wirt ta' missierhom ma jfissirx, b'daqshekk, illi kellhom id-dmir li jittrasferixxu lill-legatarji (lil Anna u Antonia aħwa Xuereb) l-oġġett li jifforma parti mill-legat "*kollu kemm hu,*" partikolarment meta l-istess oġġett tal-legat ma kienx jappartjeni lit-testatur kollu kemm hu fit-data tal-mewt tiegħu u partikolarment ukoll meta t-testatur ma ddikjarax fit-testment tiegħu illi kien jaf li l-oġġett tal-legat ma kienx kollu tiegħu. Kellhom id-dmir biss li jittrasferixxu lil Anna u Antonia Xuereb sehem missierhom fl-imsemmija mandretta, jiġifieri nofs indiviż tal-

imsemmija mandretta in kwistjoni (u nofs indiviż tad-dar). L-eredi ta' Carmelo u Maria Xuereb għalhekk wirtu n-nofs l-ieħor tal-imsemmija mandretta bejniethom u kien għalhekk li fil-kuntratt ta' diviżjoni ppubblikat min-Nutar Francesco Refalo fl-4 ta' Novembru 1949 l-aħwa Xuereb qasmu biss "*one half of the mandretta called 'ta' ma Ġenb id-dar.*'"

23. Atti jew kuntratti oħra li jkomplu jsaħħu l-konklużjoni li waslet għaliha din il-qorti – li l-istrixxa art mertu tal-proċeduri odjerni ma kinitx tifforma parti mill-legat imħolli lil Anna u Antonia aħwa Xuereb mingħand missierhom – huma dawn li ġejjin:

   a. Fid-denunzja ta' Anna Xuereb ġie ddenunzjat "*nofs indiviż ta' biċċa raba' imsejħa 'Il-Mandra' fil-limiti ta' Għajnsielem, Gozo. Mhux tajba għall-bini. Ċirka tomna. Tmiss tramuntana ma' Paolo Xuereb, Lvant ma' Loreto Xuereb u punent ma' Duminku Abela*".[8] L-istess sar mill-eredi ta' Antonia Xuereb. Għaldaqstant, anke minħabba din ir-raġuni, l-konvenuti appellanti ma jistgħux ikomplu jippretendu li mill-wirt ta' Anna u Antonia aħwa Xuereb ipperveniet lilhom mandretta tal-kejl ta' tomna u nofs billi lanqas l-awturi tagħhom stess ma kienu ddikjaraw li kienu s-sidien ta' mandretta ta' dan il-kejl;

   b. Fil-kuntratt tad-19 ta' Ottubru 1992 Antonia Xuereb ikkonċediet b'titolu ta' rendita' vitalizia favur in-neputijiet tagħha, inkluż favur Maria Zerafa, madwar tomna raba' u l-istrixxa art mertu

[8] L-awturi tagħhom iddikjaraw li kien fiha *circa* tomna u mhux tomna u nofs.

tal-proċeduri odjerni – l-isqaq in kwistjoni – ġie indikat bħala konfini. Il-fatt li l-kejl totali tal-art li ttrasferiet Antonia Xuereb permezz ta' dan il-kuntratt kien ta' *circa* tomna – li huwa ekwivalenti għall-kejl li jissemma fid-denunzji u testmenti tax-xebbiet Xuereb – u l-fatt li l-isqaq hawn fuq imsemmi ġie indikat bħala konfini huwa indikattiv li Antonia Xuereb ma kinitx tikkunsidrah bħala li huwa proprjeta' tagħha; [9]

c. Fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Paolo Xuereb tas-16 ta' Settembru tal-1994 l-eredi u s-suċċessuri tal-istess Paolo Xuereb – fosthom Peter Paul Xuereb li lilu ġiet assenjata l-porzjon numru tnejn, u oħt Peter Paul Xuereb, Maria mart John Zerafa li hija omm il-konvenuti – kienu ddeskrivew l-art bħala "*biċċa raba' tal-kejl ta' circa 86.22 m.k. u konfinanti nofsinhar beni tal-eredi ta' Vanġela Saliba, punent ma' passaġġ u lvant beni ta' Assunta Tabone u li hija indikata bl-aħmar fuq l-annessa pjanta markata 'J.'*"[10] Fuq dan il-kuntratt, l-art għalhekk ġiet deskritta li tmiss mill-punent ma' passaġġ, li anki mill-pjanta annessa mal-istess kuntratt jirriżulta li huwa l-passaġġ tal-konkos fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku Vincent Ciliberti *a fol.* 341 tal-proċess.

24. Fit-tieni lok, għalkemm huwa minnu – u fil-fatt m'huwiex fatt kontestat – li jeżisti ħajt tas-sejjieħ bejn il-proprjeta' tal-atturi u dik tal-konvenuti, l-eżistenza tiegħu bl-ebda mod ma tista' tiġi

---

[9] Ara *foll.* 240 sa 244 tal-proċess.
[10] Ara fol. 226 tal-proċess.

interpretata fis-sens li dan neċessarjament jikkostitwixxi linja diviżorja bejn iż-żewġ proprjetajiet. Mill-provi prodotti jirriżulta illi dan il-ħajt ilu hemm għal għexieren ta' snin. [11] Ma tressqu l-ebda provi li juru li dan il-ħajt ittella' meta saret il-qasma bejn l-aħwa Xuereb tal-wirt tal-ġenituri tagħhom fl-1949 jew sabiex iservi ta' ħajt diviżorju bejn il-proprjetà li tħalliet lil Anna u Antonia aħwa Xuereb permezz tal-legat imħolli lilhom minn missierhom u l-proprjetà li ġiet assenjata lill-aħwa Xuereb kollha ħlief lil Antonia Xuereb fl-att ta' diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tagħhom Carmelo u Maria Xuereb. Fl-affidavit tagħha tal-5 ta' Ottubru 2010 Maria Theresa Xuereb – mart l-attur Peter Paul Xuereb – fil-fatt iddikjarat bil-ġurament illi "*meta saret il-qasma tad-diversi biċċiet raba' msejjaħ 'tal-feles' qatt ma saru ħitan jew marki oħra permanenti fuq il-post.*"[12]

25. Fit-tielet lok, il-kejl ta' kull porzjon li ġie assenjat lill-predeċessuri fit-titolu tal-atturi kien ikbar mill-kejl li l-konvenuti appellanti qegħdin jippretendu li għandu jiġi assenjat lill-istess atturi. Jekk wieħed iqabbel il-sehem li ġie assenjat lill-aħwa Xuereb kollha ħlief Anna[13] u Antonia Xuereb[14] tal-proprjetà mmarkata bl-ittra "I" fil-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-nutar Francesco Refalo tal-4 ta' Novembru 1949 u l-porzjon art li l-atturi qegħdin igawdu llum[15] jirriżulta illi l-porzjon art li qegħdin igawdu l-atturi llum hija iżgħar mill-porzjon art li ġiet

[11] Ara *foll.* 163, 171 tal-proċess.
[12] Ara fol. 135 tal-proċess.
[13] Anna Xuereb ġiet assenjata sehem ta' 1/8 fil-proprjeta' mmarkata bl-ittra "I" fil-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-nutar Francesco Refalo.
[14] Antonia Xuereb ma ġiet assenjata l-ebda sehem fil-proprjeta' mmarkata bl-ittra "I" fil-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-nutar Francesco Refalo.
[15] Ara fol. 341 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 149 sa 154 tal-proċess.

assenjata lill-aħwa Xuereb kollha ħlief Antonia u Anna Xuereb fl-imsemmi kuntratt ta' diviżjoni.

26. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed iqabbel l-art li ngħatat b'legat minn Carmelo Xuereb lill-aħwa Anna u Antonia Xuereb fit-testment tiegħu tas-27 ta' Lulju 1945[16] u l-art li l-konvenuti u terzi persuni qegħdin preżentement igawdu llum – li, skond il-perit tekniku Vincent Ciliberti fiha 1328.42 m.k. [17] – hemm diskrepanza ta' 485.345 m.k. Il-konvenuti għalhekk qed igawdu porzjon art li hija ferm akbar mill-porzjon art li l-aħwa Anna u Antonia Xuereb wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom.

27. Għaldaqstant, u fid-dawl tas-suespost, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-istrixxa art mertu tal-proċeduri odjerni ma kinitx tifforma parti mill-legat imħolli lil Anna u Antonia Aħwa Xuereb fit-testment ta' missierhom tas-27 ta' Lulju 1945 iżda kienet tifforma parti mill-proprjetà mmarkata bl-ittra "I" fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-aħwa Xuereb tal-4 ta' Novembru 1949.

28. Madanakollu ma taqbilx mal-ewwel qorti illi "*l-art tal-kejl ta' erba' mondelli u nofs għandha tinqasam fi tmien porzjonijiet ossija seba' porzjonijiet tal-kejl kull porzjon ta' ħames kejliet ekwivalenti għal tlieta u disgħin punt sitta tmienja metru kwadri (93.68 mk), u t-tmien porzjon jikkostitwixxi d-differenza bejn il-kejl globali ta' erba' miżuri u*

---

[16] Fin-nota tagħhom tal-10 ta' Jannar 2011 li tinsab a fol. 149 tal-proċess il-konvenuti appellanti ddikjaraw li "*l-art li tissemma fit-testment ta' Carmelo Xuereb tas-27 ta' Lulju 1945 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo u li ħalliha b'legat lill-uliedhu Anna u Antonia aħwa Xuereb ikkulurita bl-aħmar.*"
[17] Ara fol. 341 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 149 sa 154 tal-proċess.

*nofs ekwivalenti għal mija u tlieta u erbgħin metru punt zero disgħa metri kwadri u l-kejl globali tas-sebgħa porzjonijiet l-oħrajn.*" Lanqas ma taqbel ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat li "*l-linja CD fuq il-pjanta tal-perit Ciliberti għandha tiġi spostjata biex kull plot ikollha kejl ta' 93.68 mk flok 64.85 mk*" u "*l-parti l-oħra GCDE (kif modifikata) tibqa' inkomuni bejn il-partijiet u partijiet oħrajn mhux parti f'dawn il-proċedur..*"

29. Peress li l-perit tekniku Vincent Ciliberti ikkonferma li s-sezzjoni mmarkata 'GBAH' fuq il-pjanta tiegħu a *fol.* 341 tal-proċess fiha b'kollox 615.65 m.k., u fuq il-kuntratt ta' diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tagħhom sehem ta' 1/8 ta' din l-art immarkata 'GBAH' fuq l-imsemmija pjanta tal-perit tekniku ġie assenjat lill-aħwa Xuereb kollha ħlief lil Antonia Xuereb, din il-qorti hija tal-fehma illi l-aħwa Xuereb kollha ħlief Antonia Xuereb għandu jkollhom kejl ta' 76.95 m.k. [18] kull wieħed fil-porzjonijiet rispettivi tagħhom. Peress li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-konvenuti appellanti, taqbel illi l-ewwel seba' porzjonijiet għandhom jiġu assenjati bil-mod kif iddeterminat l-ewwel qorti (kif kien rikjest mill-atturi appellati fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom).

30. Din il-qorti hija wkoll tal-fehma illi l-porzjon numru tmienja tal-imsemmija art immarkata bl-ittri 'GBAH' fuq il-pjanta tal-perit tekniku Vincent Ciliberti hawn fuq imsemmija għandu jkun fiha kejl ta' 76.95 m.k. (daqs il-porzjonijiet l-oħra assenjati lill-aħwa l-oħra). Peress li l-

[18] Il-kejl totali tal-art immarkata bl-ittra "I" fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949 maqsum fi tmien porzjonijiet.

kawża tal-atturi hija l-*actio finium regundorum* – u mhux l-*actio rei vindicatoria* – m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistabbilixxi lil min għandu jiġi assenjat il-porzjon numru tmienja.

31. Dwar l-argument tal-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom fis-sens li "*din is-sentenza qiegħda – espressament – tagħmel stat fil-konfront ta' allegati terzi persuni u tnaqqsilhom art li hi stess tgħid li s'issa kienu jqisu li tappartjeni lilhom ossia li għandhom sehem minnha*" din il-qorti tiddikjara illi din is-sentenza naturalment torbot biss lill-partijiet fil-każ tallum. Id-drittijiet ta' terza persuni li jistgħu jintlaqtu ħażin mill-ġudizzju tallum jibqgħu impreġudikati.

32. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet mogħtija, din il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b'dan il-mod:

    i. tiddikjara li l-linja mmarkata bl-ittri 'GH' fuq il-pjanta tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti a *fol.* 341 tal-proċess hija l-linja diviżorja bejn il-proprjeta' mmarkata bl-ittri 'GHLIJK' [19] u l-proprjeta' mmarkata bl-ittri 'GBAH'; u[20]

    ii. tiddikjara illi l-linja mmarkata bl-ittri 'CD' fuq il-pjanta tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti a *fol.* 341 tal-proċess għandha tiġi spostjata biex kull porzjon ikun fih kejl ta' 76.95 m.k. minflok 64.85 m.k.[21] Il-werrieta ta' Vangela

[19] L-art in kwistjoni hija dik li tissemma fit-testment ta' Carmelo Xuereb tas-27 ta' Lulju 1945 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo u li tħalliet b'legat lil uliedu Anna u Antonia aħwa Xuereb.

[20] L-art in kwistjoni hija dik li tissemma fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-4 ta' Novembru 1949 (il-proprjeta' mmarkata bl-ittra "I" fl-imsemmi kuntratt).

[21] Skond il-perit tekniku Vincent Ciliberti s-sezzjoni mmarkata bl-ittri 'ABCD' fuq il-pjanta tiegħu li tinsab a fol. 341 tal-proċess fiha 453.98 m.k. Jekk kellha tiżdied is-sezzjoni mmarkata bl-ittri 'CDEF' – li fiha 120.24 m.k. – u s-sezzjoni mmarkata bl-ittri 'EFGH' fuq l-istess pjanta li

Saliba jiġu assenjati il-porzjonijiet numru wieħed, erbgħa, ħamsa u sitta; il-werrieta ta’ Peter Paul Xuereb jiġu assenjati l-porzjon numru tnejn; il-werrieta ta’ Assunta Tabone jiġu assenjati l-porzjon numru tlieta; u l-werrieta ta’ Annie Xuereb jiġu assenjati l-porzjon numru seba’; [22] it-tmien porzjon jikkonsisti fis-sezzjoni mmarkata bl-ittri ‘GCDH’ (kif modifikata) [23] u li ma ġiet assenjata lil ħadd mill-partijiet li dehru fuq il-kuntratt ta’ diviżjoni fl-atti tan-nutar Francesco Refalo tal-4 ta’ Novembru 1949.

33. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

34. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta’ dan l-appell, jitħallsu mill-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

---

fiha 41.43 m.k. – ikun hemm kejl totali ta’ 615.65 m.k. Jekk, allura, l-kejl totali ta’ 615.65 m.k. kellu jinqasam fi tmien biċċiet kull porzjon ikun fih 76.95 m.k.

[22] L-atturi talbu lill-qorti sabiex tassenja l-porzjonijiet raba’ b’dan il-mod fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom tas-6 ta’ Marzu 2014. Ara fol. 370 tal-proċess. Il-konvenuti ma kkontestawx il-mod ta’ kif l-atturi pproponew li dawn il-porzjonijiet jiġu diviżi.

[23] Is-sezzjoni mmarkata bl-ittri ‘GCDH’ fuq il-pjanta tal-perit tekniku a fol. 341 tal-proċess ikollha kejl ta’ 76.95 m.k.